# S 5.1 L-IBLIET IL-QODMA



**S5.1.**

Noti importanti fuq iċ-Ċittadella.

**Riċerka ta' Etienne Vella – Għajnsielem**

Iċ-Ċittadella tinsab fiċ-ċentru tal-belt kapitali t'Għawdex, ir-Rabat (Victoria). Din hi belt żgħira ħafna b'toroq dojoq mdawra bis-swar. Hi mibnija fuq għolja u minn fuq is-swar tista' tara Għawdex kollu. Minn fuq dawn is-swar l-Għawdxin kienu jżommu l-għassa mill-attakki tat-Torok u l-pirati tal-baħar.

**Iċ-Ċittadella kienet isservi biex:**

- l-Għawdxin jidħlu jistkennu fiha mill-attakki tal-furbani
- issir l-għassa minn fuq dan il-post għoli

Miċ-ċentru tar-Rabat magħruf bħala t-Tokk, nitilgħu t-telgħa twila li twassalna fuq din l-għolja fejn hemm iċ-Ċittadella. Din it-triq twassal għal pont twil tal-ġebel. Biex tidħol kien hemm pont li jitla' u jinżel.

Fiż-żmien il-ħakma Rumana, l-għolja kellha dehra ta' Akropoli bit-tempju ddedikat lill-alla Juno jiddomina ċ-ċentru. Wara kienu diversi poli fosthom ir-Rumani, Aragoniżi, Biżantini u l-Kavallieri ta' San Gwann li komplew jibnu u jsebbħu din l-għolja b'bini kif nafuha llum.



Iċ-Ċittadella tixbah ħafna lill-Imdina f'Malta. Hija mdawra bi swar għoljin li qabel l-Assedju l-Kbir (ġlieda bejn



il-Maltin flimkien mal-Kavallieri kontra t-Torok) tal-1565, kienu dgħajfin (mhux b'saħħithom.

Iċ-Ċittadella, magħrufa bħala l-Gran Kastell, għaddiet mill-eħrex żmien fl-1551, meta flotta mdaqqsa ta' xwieni Torok immexxija minn Dragut ħadtu għal Malta. Wara li ħarbu bl-interċessjoni ta' Sant Agata, erħerwlha lejn Għawdex fejn għamlu ħerba sħiħa mill-poplu. It-torok attakkaw iċ-Ċittadella, irnexxielhom jidħlu u ħadu xi 6,000 ruħ ilsiera, jigifieri lill-Għawdxin kollha. Ħallew biss xi 40 ruħ (nies xjuħ u morda li ma setgħux iservu ta' lsiera). F'dan l-attakk is-swar u anke l-bini taċ-Ċittadella ġarrab ħsarat kbar. Iċ-Ċittadella kienet sofriet ħafna u kien biss 50 sena wara li din ħadet is-sura li għandha llum. Is-swar li kienu iġġarfu reġgħu nbnew fuq il-pjanta ta' Francesco Laparelli, l-arkitett tal-Papa.

Sal-1637 kien hemm liġi li ma nżul ix-xemx l-Għawdxin kollha jidħu għall-kenn tas-swar minħabba l-biża' ta' xi attakk ieħor mit-Torok jew ħallelin tal-baħar (furbani).

Bħall-ibliet antiki li rajna it-toroq taċ-Ċittadella huma dojoq ħafna.



Illum ma tantx baqa' nies joqogħdu fiċ-Ċittadella.

Fi żmien l-Ingliżi nbnew it-toroq, li għadhom hemm sal-lum, li huma aħjar u li jistgħu jgħaddu l-karozzi minnhom.

Malli tidħol fiċ-Ċittadella tiltaqa' ma' pjazza u quddiemek tara l-Katidral. Dan huwa ddedikat lil



Santa Marija. Dan inbena fuq id-disinn tal-Perit Lorenzo Gafà. Tiftakru tfal li dan il-Perit bravu kien ukoll iddisinja l-Katidral tal-Imdina u l-Knisja tal-Birgu.

Il-festa ta' Santa Marija (it-tlugħ fis-sema ta' Marija) tiġi ċċelecrata fil-15 t'Awwissu. Dan il-Katidral huwa speċjali għax m'għandux koppla, iżda meta tidħol fih taħseb mod ieħor, għax is-saqaf tiegħu tpitter b'mod li taħseb li qed tara l-koppla. Din hi pittura unika fil-Gżejjer Maltin.

Fiċ-Ċittadella hemm diversi postijiet ta; interess, fosthom:

- Il-katidral ta' Santa Marija
- Il-Palazz tal-Isqof
- Il-Bini tal-Qorti f'Għawdex
- Swar għoljin
- Toroq dojoq
- Il-Mużew tal-Katidral
- Il-Mużew tal-Arkeoloġija
- Il-Mużew tal-Folklor
- It-Torri tal-Arloġġ
- L-Armerija (post fejn jinżammu armi antiki)
- l-Ħabs l-Antik



Illum fiċ-Ċittadella imorru mijiet ta' turisti biex jaraw dan il-post hekk sabiħ.



Mas-swar taċ-Ċittadella jikbru xi pjanti selvaġġi, fosthom il-Kamumilla tal-Kastell. Fost il-ħafna għasafar nsibu l-Għasfur Nazzjonali ta' Malta, li hu l-Merill.

## A. Imla l-vojt bil-kliem t'hawn taħt.

Naturali ; Medjevali ; Rabat ; furbani ; swar ; San Ġwann ; Imdina ; Folklor ; interess ; il-Mużew tal-Katidral ; Gran Castello.

1. Iċ-Ċittadella tinsab ir- ________ u hija magħrufa wkoll bħala _________.
2. Din il-Belt inbniet fi żmien __________ imma l-kavallieri ta' __________ kompew saħħew din il-belt bi __________ għoljin.
3. Dan għamluh minħabba li dak iż-żmien kienu jsiru ħafna attakki mill-____________________________ fuq il-gżira.
4. Il-mod kif inhi mibnija iċ-Ċittadella tixbaħ ħafna lill- ________________.
5. Il-Katidral taċ-Ċittadella, ___________, il-Mużew tal-Istorja ____________ u l-Mużew tal-_____________ huma l-postijiet storiċi u ta' ____________ li nsibu wara s-swar taċ-Ċittadella.

## B. Agħżel it-tajba.

1. Iċ-Ċittadella hija mibnija fuq (għolja, wied, rdum).
2. Iċ-Ċittadella hija magħrufa wkoll bħala (raħal ġdid, Gran Casetello, Forti Rikażli)
3. (Ir-Rumani, L-Ingliżi, L-Amerikani) bnew l-ewwel swar madwar iċ-Ċittadella.